MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 945/2001/1

**Faustino Pulis**

**Vs**

**Anglu Saliba**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jizgombra mill-ghalqa ossia mansab, maghruf bhala "Ta' Has-Sajjied ta' Xatt il-Bahar", f'Marsascala u jhalliha libera favur l-attur prevja d-dikjarazzjoni illi qed jokkupa l-istess mansab minghajr titolu legali u kontra l-volonta' tal-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali tat-12 ta' Jannar 2001.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizzju tal-fond imsemmija ma jeccedix l-ghaxar liri fis-sena.

Wara li rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut u li biha eccepixxa (a fol 8 tal-atti):-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent ghandu titolu validu skond il-ligi, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat kif ukoll dak verbalizzat a fol 10, 11, 13, 14 u 15 tal-istess atti oltre li l-konvenut ma gab ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni sottomessa minnu.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta' Ottubru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex sat-21 ta’ Dicembru 2003 jizgombra mill-ghalqa ossija mansab maghruf bhala “Ta’ Has Sajjied ta’ Xatt il-Bahar f’Marsascala u jhalliha libera favur l-istess attur waqt li qed jigi dikjarat li l-konvenut qed jokkupa l-istess mansab minghajr titolu legali u kontra l-volonta tal-attur; bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tat-12 ta‘ Jannar 2001, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------